# LIS-SILLA

Tisbaħ filgħodu wiċċek lejn id-dija  
tax-xemx li tbusek bl-oħla bewsa tagħha:  
hi togħla fis-smewwiet, kif imdorrija,  
int ħelu tqum fuq qaddek u ddur magħha,

u tibqa' sejra hekk sa filgħaxija,  
għax donnok taf li minnha biss is-saħħa;  
tmur torqod, xħin hi tgħib, iżda bikrija  
targa' tqum maż-żerniq sabiex tilqagħha. *

Ja siġra tajba ta' di' l-gżira tagħna,  
għallimni nħares lejn ix-Xemx Ħanina  
li bid-dawl tagħha biss ruħi tistagħna;

biex, kif minn qalbek, taħt ix-xemx titrabba  
il-warda ħamra, hekk, ta' ħajti żina,  
toħroġ minn qalbi l-warda ta' l-imħabba.

DUN KARM

Fi dħul ir-Rebbiegħa, 1935

---

* Kont naf li s-*silla*—din is-siġra sabiħa u fejjieda tal-gżira tagħna—hi waħda minn dawk li jduru max-xemx (*Heliotropi*); imma biex ikolli l-wetqa ta' min fis-siġar u l-ħxejjex jifhem bosta aktar minni, ktibt lill-Prof. Ġanni Borg, M.A., M.D., u dan, twajjeb daqskemm hu għaref, weġibni minnufih b'ittra sabiħa fejn, fost ħwejjeġ oħra, kollha fejjieda, qalli: "Not only the numerous tribe of Sunflowers, and *clovers*, but "most other flower plants for physiological reasons, have the "habit of turning their flowers towards the sun, or to be "more exact, in the direction of the greater amount of light... "In the case of many species of trefoils, clovers (including "our *silla*) etc. the leaves also close up and *go to sleep* during "the night"; li bil-malti jfisser: "Mhux biss it-tajfa kbira tal-ward tax-xemx u tas-siġar bil-weraq imtellet (trefoll) iżda bosta siġar tal-ward oħra, għax hekk titlob saħħithom, għandhom id-drawwa li jdawru wiċċhom lejn ix-xemx, jew aħjar lejn dik in-naħa fejn ikun hemm iżjed dawl... Fil-kas ta' ħafna ġlejjeb ta' xtieli bil-weraq imtellet—fosthom is-*silla tagħna*—il-weraq tagħhom jagħlaq ma' tul il-lejl u huma *jmorru jorqdu*."

# MIKIEL ANTON VASSALLI

(*Jorbot mal-Għadd ta' Diċembru paġ.* 132)

Il-ħrara l-kbira ta' Vassalli kienet li jistampa x-xogħlijiet li kien lesta sa dak iż-żmien: id-dizzjunarju, il-grammatka l-ġdida maltija u l-Qwiel, u għalhekk ħabrek kemm sata' biex qabel l-istampa tal-Vanġelji jikseb minn għand Jowett il-mezzi sabiex jew fl-istamperija tal-"Missionary Society" jew bil-għajnuna ta' flus minn għand dawna jkun jista' jaqta' xewqtu. L-ewwel ma ħaseb għat-tipi ġodda maltin skond dawk ta' l-alfabet li fassal fil-grammatka l-ġdida. Għalhekk, kif jidher, it-tipi l-ġodda li ħtiġulu, bejn kbar u żgħar, kienu mas-sittax.

F'Awissu tal-1825 hu kien ta l-aħħar daqqtejn ta' pinna fil-grammatka maltija, u beda jgħin lil Jowett fil-għażla ta' Parabbli, Mirakli, Taħdidiet ta' Sidna Ġesù Kristu, biex jinkitbu bil-Malti għal xi kotba ta' tagħlim.

Vassalli xtaq jistampa l-kotba tiegħu b'tipi *pica* kbar, iżda qatgħulu qalbu mħabba l-ispiża kbira li kienet tidħol u għalhekk mejjel rasu biex jistampahom bit-tipi *pica* żgħar. Iżda, miskin, baqa' jittallab għalxejn u x-xewqa tiegħu dam żmien ma qatagħha. Xi disa' xhur wara, jiġifieri fit-18 ta' April tal-1826, Susan Frere, oħt John Hookham Frere, li kienet qiegħda ma' ħuha hawn Malta, kitbet ittra lil ħuha l-ieħor Dr. William Frere, Surmast f'Downing College, Cambridge, fejn qaltlu: "Ħija (J. H. Frere li kien wasal wasla sa l-Ingilterra jżur lil niesu) semmieli li tkellem miegħek fuq l-istampa ta' *Grammatka Maltija u Dizzjunarju*, eċċ. xogħol ta' bniedem fqir jismu Vassalli. Huwa bniedem ħaddiem għall-aħħar u jiena naħseb li kuntent jibqa' bil-ġuħ basta jasal fil-ħsieb tiegħu, jiġifieri illi jippublika dawn il-ħwejjeġ. Huwa diġà nofsu bil-ġuħ." (1)

Fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 791 tal-10 ta' Mejju, 1826, max-xahar wara l-ittra ta' Susan Frere, fil-paġna 136, deher avviż bl-Ingliż taħt ir-ras "Maltese Language" li kien igħid hekk: "Billi jinħtieġu xi kopji tal-Grammatka u Dizzjunarju stampati fl-1791, u l-Awtur ma jistax jippublika l-manuskritti tiegħu ġodda tad-Dizzjunarju u tal-Grammatka Maltija

(1) Bit-tħabrik tal-ħabib tiegħi, ir-Reverendu C. L. Dessoulavy Ph.D., Mr. Arthur H. Frere, (il-lum mejjet) li kien igħix Londra, għoġbu jibgħatli, minn fost il-ħafna ittri li kellu wieħed mill-pro-neputijiet ta' J. H. Frere, kopja ta' bċejjeċ minn ittri miktubin minn din lil ħuha ta' Susan Frere, kopja ta' bċejjeċ minn ittri miktubin minn din lil ħuha Dr. William Frere (Cambridge) dwar l-istampa tal-Grammatka u Dizzjunarju ta' Vassalli.